MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1123/2000/1

***Atlas Insurance Agency Ltd*** **bħala aġent f'Malta tas-soċjetà estera** ***AXA Insurance p.l.c.*** **u kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħhom Carmelo Farrugia abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-liġi**

***Versus***

***Sea Malta Company Ltd*** **bħala armaturi tal-vapur** ***Żebbuġ*****; u** ***John Abela Ltd***

Din il-kawża hija dwar ħsara f'merkanzija.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi Carmelo Farrugia, li hu assikurat mas-soċjetà attriċi, kien importa ħwejjeġ ta' lbies u twapet mill-Italja lejn Malta. Din il-merkanzija nġarret lejn Malta fuq il-vapur *Żebbuġ* tal-konvenuta *Sea Malta Company Ltd*, u waslet fl-4 ta' Ġunju 1999, meta ttieħdet f'idejn il-konvenuta l-oħra, *John Abela Ltd*, fil-*bonded stores* tagħha f'Ħal Far.

Meta mbagħad il-merkanzija ngħatat f'idejn l-importatur dan sab illi kien hemm ħafna nuqqasijiet fiha. L-attriċi għamlet tajjeb, taħt il-polza ta' assikurazzjoni, għat-telf li

ġarrab l-importatur, billi ħarġet elf, mija u wieħed u għoxrin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm1,121.40), li minnhom ħamsa u tletin lira (Lm35) huma spejjeż biex sar *survey report*, u kienet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat.

Billi qiegħda tgħid illi t-telf u l-ħsara seħħew bi ħtija tal-konvenuti, jew ta' xi waħda minnhom, minħabba negliġenza u nuqqas ta' ħila, is-soċjetà attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-konvenuti għandhom iwieġbu għat-telf u l-ħsarat fil-merkanzija, jew tgħid min minnhom għandu jwieġeb;
2. tillikwida d-danni fis-somma ta' elf, mija u wieħed u għoxrin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm1,121.40), jew somma oħra aktar preċiża; u
3. tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom jaħti, iħallsu s-somma hekk likwidata, flimkien ma' l-imgħax mid-data tal-ħlas u l-ispejjeż, fosthom għoxrin lira (Lm20) tal-konsult.

Il-konvenuta *Sea Malta Company Ltd* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. hija qdiet kif kellha tagħmel l-obbligi li ntrabtet bihom taħt il-polza ta' kariku, u għalhekk ma tweġibx għan-nuqqasijiet li jista' hemm fil-merkanzija;
2. hija ma twieġeb għal ebda nuqqas billi ma kien hemm ebda nuqqas waqt illi l-merkanzija kienet f'idejha;
3. in-nuqqasijiet ma jirriżultawx mit-*tally sheet*;
4. id-danni mitluba huma wisq;
5. hija ma hijiex responsabbli għas-*survey fees*; u
6. it-talbiet ta' l-attriċi huma "infondati fil-fatt u fid-dritt".

Il-konvenuta *John Abela Ltd* ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. il-kawża "għandha tiġi dikjarata nulla" taħt l-art. 963 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għax ġiet notifikata lill-konvenut aktar minn sitt xhur wara l-preżentata tagħha; l-eċċipjenti irtirat din l-eċċezzjoni waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2001[1];
2. għandha tissejjaħ fil-kawża s-soċjetà *The Cargo Handling Company Limited* għax il-merkanzija kienet taħt il-kustodja tagħha; din l-eċċezzjoni wkoll kienet irtirata waqt is-seduta tas-17 ta' Mejju 2001[2]; u

1 *Fol*. 28.

2 *Ibid*.

3. il-merkanzija ġiet nieqsa meta kienet fil-pussess u fil-kustodja ta' terzi.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

L-importatur Carmelo Farrugia ried jimporta xi merkanzija minn Napli, l-Italja, u qabbad lill-konvenuta *John Abela Ltd* biex twassallu l-merkanzija minn Napli sal-bieb ta' l-istabbiliment tiegħu hawn Malta. *John Abela Limited* wasslet ix-xogħol f'*container* fuq it-triq minn Napli sa Reggio Calabria, u hemmhekk il-*container* tgħabba fuq il-bastiment *Żebbuġ* tal-konvenuta l-oħra *Sea Malta Limited*.

Il-*container* wasal Malta u nħatt fl-4 ta' Ġunju 1999. Waqt il-ħatt sar *tally* u fuq it-*tally sheets*[3] ma sar ebda notament dwar l-istat tal-*container*. Il-*container* imbagħad kien siġillat mid-dwana[4] u ngħata f'idejn *The Cargo Handling Company Limited*.

Billi l-5 u s-6 ta' Ġunju 1999 kienu s-Sibt u l-Ħadd, u s-7 ta' Ġunju kienet festa, *John Abela Ltd* marret fit-8 ta' Ġunju 1999 biex tiġbor il-*container* mingħand *The Cargo Handling Company Limited* u tieħdu fil-*bonded stores* f'Ħal Far. Meta mar biex jieħu l-*container*, iżda, ir-rappreżentant ta' *John Abela Ltd* seta' jara illi l-*container* kellu siġill miksur[5]. Kien mgħarraf rappreżentant tad-dwana u dan ukoll seta' jara illi kien hemm siġill miksur[6].

Wara illi ssejħu l-pulizija li għamlu l-investigazzjoni tagħhom fuq il-post, il-*container* ittieħed Ħal Far u beda jinħatt hemmhekk quddiem żewġ fizzjali tad-dwana: Lawrence Falzon u Joe Calleja. Dawn il-fizzjali xehdu illi x-xogħol kien jaqbel, *i.e.* ma kienx hemm nuqqasijiet[7]. L-istess xehed Charles Bezzina, il-*bond operator*, li qal illi wara li nħatt il-*container* ma nstab xejn nieqes[8].

Meta iżda l-merkanzija kienet rilaxxjata, wara, minn fizzjal ieħor tad-dwana, Louis Fava, u dan sab in-nuqqasijiet li

---

3 *Foll.* 45 *et seq.*

4 Ara x-xhieda ta' Salvu Cilia fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2003, *fol.* 125.

5 Ara x-xhieda ta' John Abela fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2002, *foll.* 87 *et seq.* Ara wkoll ix-xhieda ta' Anthony Abela fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2003, *fol.* 120.

6 Ara x-xhieda ta' Salvu Cilia fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2003, *fol.* 123; ara wkoll *fol.*105 *tergo.*

7 Ara x-xhieda ta' Lawrence Falzon u ta' Joe Calleja fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2003, *foll.* 139 *et seqq.*

8 *Fol.* 135.

dwarhom saret il-kawża[9]. Saret lista tan-nuqqasijiet[10] u nstab illi dawn kienu jiswew elf u sitta u tmenin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm1,086.40).

Dan kollu jista' juri illi, minkejja s-siġill miksur, ma kien hemm xejn nieqes mill-*container* meta l-konvenuta *John Abela Limited* ħaditu mingħand *The Cargo Handling Company Limited*. Jista' jkun ukoll, iżda, kif fisser Lawrence Falzon[11], il-fizzjal tad-dwana li xehed illi x-xogħol kien jaqbel, illi meta qabbel il-*container* mal-manifest, il-*pallet* kien skond il-manifest iżda sakemm jinfetaħ il-*pallet* ma tkunx tista' tara jekk hemmx nuqqasijiet fil-kontenut, dawk li x-xhud sejħilhom "*inners*". Għalhekk, il-fatt illi ż-żewġ fizzjali u l-*bond operators* ma rawx nuqqasijiet ma jfissirx bilfors illi ma kienx hemm nuqqasijiet.

Għalhekk jibqa' d-dubju jekk il-ħwejjeġ naqsux meta l-*container* kien għadu f'idejn *The Cargo Handling Company Limited* jew naqsux wara li l-konvenuta *John Abela Limited* ħaditu Ħal Far. F'kull każ, ix-xhieda teħles lill-konvenuta *Sea Malta Company Limited* mill-ħtija, għax it-telf seħħ wara li l-*container* tniżżel minn fuq il-bastiment, iżda jibqa' d-dubju dwar il-konvenuta l-oħra, *John Abela Ltd*.

Il-qorti aktar taħseb illi r-raġuni għala ż-żewġ fizzjali u l-*bond operator* ma sabux nuqqasijiet hija dik mogħtija minn Lawrence Falzon, u temmen illi t-telf x'aktarx seħħ qabel ma *John Abela Ltd* ħadet il-*container* f'idejha. Tassew illi s-siġill miksur, fih innifsu, ma huwiex prova ta' serq iżda huwa indikazzjoni qawwija ħafna illi min kiser is-siġill għamel hekk bi ħsieb.

F'kull każ, billi l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-attriċi, id-dubju jkollu jmur favur il-konvenuta.

Is-soċjetà attriċi, iżda, qiegħda tgħid illi, seħħ meta seħħ it-telf, sew jekk seħħx meta l-*container* kien materjalment f'idejn il-konvenuta u sew jekk meta kien f'idejn terzi, ir-responsabbiltà tibqa' f'idejn il-konvenuta għax din kellha l-obbligazzjoni kuntrattwali illi l-*container* twasslu "sal-bieb".

---

9 Ara x-xhieda ta' Louis Fava fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2002, *fol*. 72.

10 *Fol*. 48.

11 *Fol*. 141.

Il-fatt illi l-konvenuta ntrabtet illi twassal il-merkanzija "sal-bieb" ta' l-importatur ma jfissirx illi saret assikuratriċi kontra kull riskju ta' telf: l-obbligazzjonijiet tagħha għall-kustodja tal-ħwejjeġ fdati f'idejha huma bħal dawk ta' depożitarju meta d-depożitu jkun bi ħlas, skond l-artt. 1899 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili:

**1899.** Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu.

**1900.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-aħħar artikolu qabel dan għandhom jiġu applikati b'mod aktar sever -

(*a*) … ... …;

(*b*) meta jkun ftiehem li għandu jitħallas għall-kustodja tad-depożitu;

(*ċ*) … … …;

(*d*) … … ….

Jekk it-telf seħħ qabel ma l-konvenuta ħadet il-*container* mingħand *The Cargo Handling Company Limited*, seħħ f'post fejn il-konvenuta, f'dawk il-ħinijiet, ma kellhiex aċċess, u għalhekk b'ebda mod ma jista' jingħad li kien hemm xi nuqqas min-naħa tagħha jekk it-telf seħħ f'dawk il-ħinijiet. Lanqas ma jista' jingħad illi l-konvenuta kienet *in mora* biex tmur tiġbor il-*container*, għax marret fl-ewwel opportunità li kellha, fl-ewwel jum ta' xogħol wara li nħatt il-*container*.

Il-qorti, għal dawn ir-raġunijiet, hija tal-fehma illi ma tistax tgħid illi kien hemm xi ħtija fuq il-konvenuta, u għalhekk taqta' l-kawża billi tiċħad it-tabiet tas-soċjetà attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------